MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 147/2011

AB

**Vs.**

L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-PL Joeline Pace Ciscaldi b'digriet tal-25 t'Awwissu 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-assenti CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tlieta (3) t'Ottubru 2009 u minn tali zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi l-hajja konjugali giet reza impossibli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid u morali kommessi da parti

tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u kif ukoll minhabba nkompatibilita` ta' karattru;

3. Illi l-attur gja` ottjena annullament civili minn mal-konvenuta (Dok. 'JJF3') u jirrileva li hu dam fi stat ta' zwieg mal-konvenuta ghal ftit jiem biss;

4. Illi l-attur gie awtorizzat minn din il-Qorti halli jipprocedi ghal din is-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat sebgha (7) ta; Frar 2011 (Dok. 'JJF2') tillikwida u xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti;

5. Illi ghalhekk l-attur qed iressaq din il-kawza;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi fosthom dawk ikkontemplati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili;

(2) Tiddikjara illi l-proprjeta` li xtara wahdu l-attur qabel iz-zwieg hija proprjeta` parafernali tal-istess attur;

(3) Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fl-ewwel talba kontra l-konvenuta, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-Prokuratur legali Joelene Pace Ciscaldi li *in forza* taghha huma eccepew

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur legali Joeline Pace Ciscaldi;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex jigu applikati s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili, talba ghal dikjarazzjoni li l-proprjeta' li xtara l-attur wahdu qabel iz-zwieg hija proprjeta' parafernali tal-istess attur u talba sabiex tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi jigu likwidati u maqsuma zewg porzjonijiet assenjabbli lill-partijiet bl-applikazzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq imsemmija fl-ewwel talba.

**<u>Il-Mertu tal-kaz odjern</u>**

Illi l-attur jikkontendi li hu l-intimata martu zzewgu fit-3 ta' Ottubru 2009 u li frott ta' dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Tant hu hekk, li l-istess attur jiddikjara permezz tar-rikors promotur tieghu li dam fi stat ta' zwieg mal-konvenuta ghal ftit jiem biss. Fil-fatt, l-istess attur jipprezenta kopja tas-sentenza ta' annullament bejn il-partijiet deciza nhar il-25 ta' Jannar 2011 minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta[1]. Kif jirrizulta mill-istess sentenza, l-partijiet

[1] Ara Dok. JJF3 esebit a fol 8 tal-process

damu flimkien 6 ijiem biss ghaliex precizament wara z-zwieg li sar ta’ malajr ghal ragunijet principali ta’ *visa* mill-ewwel irrizultaw numru ta’ problemi, fosthom aspett vjolenti da parti tal-intimata. Wara dawn il-jiem, l-intimata talbet lill-attur ihallsilha passagg ghar-Russja u minn dak inhar li telqet minn Malta, qatt ma rega’ sema’ b’ahbarha. Fil-fatt, fil-mori tal-kawza odjerna gew appuntati zewg kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti mill-gzejjer Maltin

L-attur jikkonferma fil-mori tal-kawza ta’ annullament imsemmija kif ukoll f’dik odjerna permezz tan-nota guramentata tieghu esebita a fol 33 tal-process li ma jezistu ebda assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Jerga’ jikkonferma li l-htija ghas-separazzjoni ghandha tingarr mill-intimata u li frott ta’ dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

**<u>Il-htija ghas-separazzjoni</u>**

Din il-Qorti tirrileva li hekk kif qalet din il-Qorti hekk kif diversament preseduta fil-kawza ta’ annullament li gie akkolt bejn il-partijet, dan kien zwieg klassiku ta’ konvenjenza.

Illi min-naha taghha l-intimata riedet taccerta ruhha li l-problemi ta’ *visa* kienu ser jigu risolti u min-naha tieghu, l-attur ried li tal-eta’ tieghu jizzewweg u jkollu siehba. Kollox sar ta’ malajr u minghajr hsieb dwar il-*commitment* li z-zewg partijiet kienu dihlin ghalih. Il-Qorti tirrileva li ghandha quddiemha biss il-verzjoni hekk kif migjuba mill-attur *stante* li l-intimata hija rapprezentata minn kuraturi li prezentaw risposta guramentata[2] u li permezz taghha ddikjaraw li m’humiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti. Dan baqa’ ma sarx.

L-istess attur, permezz tal-affidavit tieghu jikkonferma li huwa wkoll ghandu parti mir-responsabbilita’ ghat-tifrik taz-zwieg *stante* li ghaggel meta zzewweg persuna li

[2] Ara a fol 37 tal-process

lanqas biss kien jafha. Il-Qorti tirrileva li persuna ta' eta' matura ta' 37 sena bhal ma kellu l-attur meta zzewweg lill-intimata seta' facilment irrealizza li din kienet decizjoni affrettata u li kien ser ikollha r-riperkussjonijiet taghha. Zgur li l-intimat ma jistax jghid li ma kellux il-maturita' bizzejjed biex jifhem ghal liema responsabbilita' kien diehel. Anzi, kif jghid hu stess, baqa' diehel ghal dan iz-zwieg minkejja li ta' madwaru pruvaw jifthulu ghajnejh.

Fid-dawl tac-cirkustanzi il-Qorti hija tal-opinjoni li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija imputabbli ghaz-zewg partijiet li t-tnejn dahlu ghaz-zwieg ghal ragunijiet zbaljati u mill-aktar affrettati. Huwa minnu li l-attur jikkontendi li l-intimata rrendiet ruhha hatja ta' vjolenza fil-konfront tieghu u li mar jaghmel rapport relattiv fl-Ghassa ta' Hal Qormi izda il-Qorti m'ghandha quddiemha ebda prova ohra dwar dan. Lanqas l-allegat rapport ma gie prezentat kif wara kollox ma giet esebita ebda prova ohra relattiva ghall-allegata vjolenza da parti tal-intimata. Huwa proprju ghalhekk li il-Qorti ma tarax ghala ghandha tapplika s-sanzjonijiet kontemplati f'Artikolu 48 et seq kontra l-intimata.

**<u>Ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti</u>**

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza ma giet prezentata ebda prova relatata ma' xi assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tant hu hekk, li l-istess attur jirrileva permezz tan-nota guramentata tieghu li ma jezistu ebda assi formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda prova ma ngabet u li hija relattiva ghal xi proprjeta' li l-attur seta' akkwista qabel ma gie kkontrattat iz-zwieg bejn il-partijiet. Fin-nuqqas totali ta' tali prova, il-Qorti ma tarax kif qatt tista' tasal sabiex tiddikjara li hemm xi proprjeta' parafernali appartenenti lill-attur meta lanqas kopja ta' xi kuntratt ta' akkwist ma giet prezentata in atti.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-ewwel talba ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi fl-Artikolu 48 *et seq*,

tichad it-tieni talba attrici *stante* li ma ngabet ebda prova ta' xi proprjeta' parafernali da parti tal-attur u tilqa' l-ewwel parti tat-tielet talba attrici billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti tal-akkwisti bejn il-partijiet. *Stante* li ma rrizultaw ebda assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti tat-tielet talba attrici.

Bl-ispejjez kontra z-zewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom izda provvizorjament, l-ispejjez relattivi mal-kuraturi rapprezentanti tal-intimata ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------